**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-4 ta' Marzu 2016**

**Appell Numru 394/2015G**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone**

**Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**v.**

**George Attard**

**Emanuel Buhagiar**

**Il-Qorti,**

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati George Attard, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 5678G u Emanuel Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 11880G akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar it-13 ta' Marzu 2015 u kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
>
> 1. Dahhlu f'Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, inkella fethu jew zammew fabbrika tal-porvli jew ta' xogholijiet tan-nar, inkella fabbrika ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra, minghajr licenzja mill-Kumissarju tal-Puluzija;
>
> 2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hadmu porvli tal-isparar jew ippreparaw dak ix-xoghol f'post mhux licenzjat u

hadmu xogholijiet tan-nar jew porvli esploziv, jew esplozivi ohra, f'post iehor li ma kienx fabbrika tan-nar, jew f'fabbrika ohra li jkollha l-licenzja taht l-Ordinanza dwar l-Esplossivi;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zammew ghal bejgh jew haznu porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Puluzija;

4. U akar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqsu li jzommu esplosivi jew sustanzi li jaqbdu malajr hafna go recipjent li ghalihom ma jistax in-nar u hekk boghod mill-porvli tal-isparar jew mir-recipjent li fihom dan il-porvli jkun mizmum li ma jkunx ta' periklu;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellhom kwantita ta' porvli tal-isparar ta' izjed minn hames mitt gramm uzin liema porvli ma kienux mizmuma gewwa kaxxa, xkora jew recipjent iehor li jkunu ta' sahha u maghmulin u maghluqin hekk tajjeb li l-porvli ma jkunx jista' johrog minnhom;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kontra id-disposizzjoni tat-Taqsima I ta' l-Ordinanza dwar l-Esplossivi, zammew fid-dar taghhom jew f'post iehor, jew ikkunsinjaw lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra imsemmijin fl-artikolu 6 tal-imsemmija Ordinanza;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kontra id-disposizzjoni tat-Taqsima I ta' L-Ordinanza dwar l-Esplossivi, garrew minn post ghall-iehor porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr permess tal-Kumissarju tal-Pulzija;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissospendi kull licenzja tan-nar tal-imputati fil-kors ta' dawn il-proceduri u dan skond l-Artikolu 26B tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 3, 9, 17, 18, 29 u 30 tal-Kap 33 u artikolu 17(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi u kkundannathom multa komplessiva ta' tlettax-il elf u hames mitt Ewro (€13,500) kull wiehed.

3. In oltre, il-Qorti ordnat lill-hatja ihallsu l-ispejjez nofs kull wiehed li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hatja jonqsu li jhallsu l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-isplussiv maqbud u esebit f'dawn l-atti u li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jezercita' l-poter li ghandu u dan skont Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jidhlu licenzji tan-nar tal-hatja.

4. Finalment, il-Qorti ordnat li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha tal-proceduri u kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Awwissu, 2015, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi:

a. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom, fejn ordnat lill-hatja ihallsu l-ispejjez nofs kull wiehed li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza, fejn ordnat l-konfiska tal-esplosiv maqbud u esebit f'dawn l-atti, kif ukoll fejn ordnat li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jezercita' l-poter li ghandu u dan skont Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jidhlu licenzji tan-nar tal-hatja;

b. tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputati appellati ghall-multa komplessiva ta' tlettax-il elf u hames mitt ewro (€ 13,500) kull wiehed;

u minflok tinfliggi l-piena idoneja skond il-ligi fil-konfront ta' kull imputat appellat, inkluz kull konsegwenza ohra prevista skont il-ligi;

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti esebiti, semghet lill-Ispettur Frank Anthony Tabone u lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**7.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. Fit-13 ta' Marzu 2015 wara rapport li sar fl-ghassa tar-Rabat, Ghawdex il-Pulizija ghamlu spezzjoni fuq garaxx taht il-kumpless tat-Teatru Astra fejn sabu xi porvli fi xkejjer li kienu qeghdin barra quddiem il-garaxx. Minn spezzjonijiet li saru aktar tard fil-garaxx li kien jintuza mill-membri tal-kumitat tan-nar instab aktar materjal li jintuza fil-loghob tan-nar. Fil-kors tal-investigazzjonijiet gew arrestati u nterrogati l-imputati li eventwalment tressqu imputati kif inghad.

2. Fil-kors tal-istruttorja fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2015 gie registrat is-segwenti:

   "L-imputati qed jammettu l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom wara li l-Qorti taghhom (recte: taghthom) zmien ragonevoli sabiex jikkunsidraw l-istess.

   Il-Prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-piena u hemm qbil dwar il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom fl-oghti tas-sentenza.

   Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghall-Gimgha, 24 ta' Lulju 2015 fid-9.00 am.

   L-imputati qed jigu notifikati seduta stante bid-differiment li jmiss."

3. Fl-24 ta' Lulju 2015 inghatat is-sentenza.

**8.** L-aggravju huwa unikament dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti li l-appellant Avukat Generali jsostni li ma hix fix-xorta u fil-kwantita' taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellati.

**9.** In sostenn tal-aggravju tieghu l-Avukat Generali jsostni li jirrizulta mill-atti li sar xi forma ta' qbil bejn l-ufficcjal prosekutur u d-difiza dwar il-parametri tal-piena li ghandhom ikunu appikabbli f'dan il-kaz u dan minkejja li l-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali specifikatament jirregola l-ftehim dwar piena f'dawn il-kazijiet u jipprovdi li tali ftehim jista' jsir biss mal-Avukat Generali waqt li l-Artikolu 392A(6) jobbliga lill-Qorti li meta taghti s-sentenza taghha ma tqisx kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5).

**10.** Isostni ulterjorment li l-piena erogata hija wahda taht il-minimu permess mil-ligi u certament id-dispozizzjonijiet tal-ligi msemmija l-legislatur ma riedx li jippermetti xi ftehim bejn il-partijiet dwar parametri ta' piena li jirrizultaw b'mod car li huma taht il-*minimum* preskritt mill-ligi kif tirrizulta li hi l-piena li effettivament inghatat mill-ewwel Qorti.

**11.** Jirrileva wkoll li ma jidhirx li kien hemm ragunijiet specjali u straordinarji tali li jintitulaw lill-ewwel Qorti tinzel taht il-minimu preskritt mill-Ligi ai termini tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma huwa applikabbli l-Artikolu 43A tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontempla tnaqqis fil-piena tant li l-Qorti tal-Magistrati lanqas biss applikatu fid-decizjoni taghha.

**12.** Finalment izid li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz kienet talbet ukoll li jigi applikat l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputati appellati.

**13.** In kwantu ghall-multa ta' hamest elef euro (€5000) imposta mill-ewwel Qorti in sostituzzjoni tal-konfiska tal-fond fejn instab l-isplussiv l-Avukat Generali ssottometta li l-Artikolu 45A tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet

ta' Malta jistipula li fil-kazijiet fejn il-persuna ma tkunx is-sid assolut tal-propjeta, il-Qorti ghandha tordna li l-persuna li tinsab hatja thallas multa ta' mhux anqas minn ghaxart elef ewro (€ 10,000). Illi ghaldaqstant fl-umli fehma tal-appellant anke f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Magistrat imponiet multa fuq l-imputati appellati li tmur taht il-minimum preskritt mill-ligi.

Ikkunsidrat,

**14.** L-appellant fl-ewwel lok jghid li l-ewwel Qorti ma kellhiex tqis kwalunkwe ftehim li seta ntlahaq bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza u dan in vista tal-artikolu 392A(6) tal-Kap. 12 li jipprekludi lill-Qorti milli "*tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun se tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5)"* u cioe minghajr l-intervent tal-Avukat Generali u permezz ta' rikors. Effettivament ma jirrizulta ebda ftehim mal-Avukat Generali dwar piena u anqas jirrizulta xi rikors kif previst fl-artikolu 392A(6). Il-qbil li kien hemm quddiem l-ewwel Qorti "dwar il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom fl-oghti tas-sentenza" kien unikament bejn il-prosekuzzjoni rapprezentanta mill-ispetturi Frank Anthony Tabone u Bernard Charles Spiteri u d-difiza. Ghalhekk, safejn dan il-qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza jista' jitqis bhala ftehim dwar il-piena dan ma kellux jittiehed in kunsiderazzjoni mill-ewwel Qorti.

**15.** Meta xehed l-Ispettur Frank Tabone quddiem din il-Qorti dan qal li l-qbil li kien hemm bejnu u d-difiza fl-ewwel istanza kien dwar li xi imputazzjonijiet kienu komprizi u involuti u dan gie suggerit lill-ewwel Qorti izda imbghad is-sentenza thalliet f'idejn il-Qorti. Dan ma jirrizultax korrett ghaliex l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ddikjarat li l-qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza kien li "l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun dik ta' multa, li se tinhadem kif gej."

**16.** B'danakollu, ghalkemm l-ewwel Qorti qiset il-qbil li kien registrat quddiemha bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, ma jidhirx li l-ewwel Qorti qieset lilha nfisha marbuta bil-qbil li kien hemm bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza ghaliex altrimenti ma kellhix ghalfejn izzid li ghall-finijet ta' piena "kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri". Ghalhekk jidher li l-ewwel Qorti qiset il-qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza mhux bhala xi ftehim vinkolanti fuqha izda bhala sottomissjoni kongunta dwar il-piena idoneja li kellha tikkonsisti f'multa u l-Qorti qablet ma dik is-sottomissjoni anki wara li "kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri". Din il-Qorti hi tal-fehma li din hi l-interpretazzjoni korretta tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

**17.** Bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti dwar il-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**18.** F'dan il-kaz l-appellant Avukat Generali, izda, jsostni li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti nizlet taht il-minimu tal-piena skont il-ligi ghall-fatti tal-kaz u jekk dan hu minnu allura din il-Qorti jkollha necessarjament tintervjeni sabiex tassigura li l-piena tkun wahda konformi mal-ligi.

**19.** Il-minimu tal-piena ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni hija multa ta' €5,000 ghal kull imputazzjoni[1], dik ghat-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni hija multa ta' €15,000 ghal kull imputazzjoni b'dan li t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni huma assorbiti fis-sitt imputazzjoni[2], u ghas-seba' imputazzjoni l-minimu tal-piena hi €2,000[3]. Dan iwassal sabiex il-multa minima komplessiva ghal kull imputat, bl-applikazzjoni

[1] Art. 27 Kap. 33
[2] Art. 29 tal-Kap 33
[3] Art. 30 tal-Kap 33

tal-artikolu 17(1)(f) u salv dak li ser jinghad dwar il-konfiska, ma tistax tkun anqas minn €18,500[4].

**20.** Barra dan hemm ukoll il-kwistjoni tal-konfiska tal-fond fejn sar ir-reat li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern hi regolata bl-artikolu 45A(1)(b) tal-Kap 33 bil-konsegwenza li l-persuna li tinsab hatja tigi kundannata thallas multa ta' mhux anqas minn €10,000. Dwar dan id-difiza ssottomettiet li l-konfiska ta' fond tista' tokkorri darba biss u ghalhekk il-multa minima f'dan il-kaz ghanda tigi imposta darba biss fuq kulhadd. Dan ma hux dak li tghid il-ligi. La darba ma hux il-fond stess li qieghed jigi konfiskat, il-ligi bl-artikolu 45A(1)(b) jimponi din il-multa minima fuq kull persuna li tinsab hatja u ghalhekk kull wiehed mill-imputati jrid jigi kundannat ghall-multa ta' €10,000.

**21.** Il-premess iwassal ghall konkluzjoni li l-minimu tal-multa li trid tigi imposta fuq kull wiehed mill-imputati hi dik ta' tmienja u ghoxrin elf u hames mitt euro (€28,500) u dan peress li ma jezistu ebda ragunijiet specjali sabiex din il-Qorti tinzel taht il-minimu u l-ewwel Qorti ma indikat ebda tali ragunijiet kif hi obbligata taghmel kieku dehrilha li kien il-kaz li tinzel taht il-minimu. Inoltre, anqas jirrizulta applikabbli l-artikolu 43A tal-Kap. 33. In kwantu ghall-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li ghalih accenna l-Avukat Generali, iz-zieda fil-piena prevista f'dak l-artikolu ghar-reat kontinwat hija fakolattiva ghall-Qorti u ma jirrizultax li l-ewwel Qorti pprevaliet ruhha minn dik il-fakolta' sabiex tgholli l-piena tant li, anzi, jirrizulta li nizlet taht il-piena minima prevista mil-ligi. Anqas din il-Qorti, ghalhekk, ma hi tal-fehma li ghanda tipprevalixxi ruhha minn dik il-fakultà.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputati ghall-piena ta' multa komplessiva ta' tlettax-il elf u hames mitt

[4] €15,000 +2,500 (1/2 ta' 5000) + 1,000 (1/2 ta' 2000) = €18,500

euro (€13,500) kull wiehed u minflok tikkundanna lill kull wiehed mill-imputati ghall-piena ta' multa komplessiva ta' tmienja u ghoxrin elf u hames mitt euro (€28,500) filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur